Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott Iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 05/12 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 26/04/2012 fis-6.40pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369 | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Assenti minħabba xogħol |
| | | Darmanin Richard | Preżenti fit-8.10pm |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | | Hales Joseph | Assenti minħabba xogħol |
| | | Pace Darrell | Preżenti mis-7.00pm |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti sad-9.15pm |
| **Prezenti** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Principal Caroline Schembri | |

**Sar it-tberik ta' l-uffiċċji tal-Kunsill Lokali min-naħa ta' l-Arċipriet. Wara t-tberik l-Arċipriet ġie mistieden għall-konferenza li ser issir fil-5 ta' Mejju.**

**05. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** |
|---|---|---|---|
| | | Proponent: Seychell<br>Sekondant: Wille Piscopo | **Il-Minuti 04/12 inqraw u ġew approvati nem.con b'dawn il-korrezzjonijiet:** |
| | 04.9.14 | Minflok 30 ta' April jidħlu l-kliem 29 ta' April. | |

**05. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2. 1 | 04.2.1 | Sindku: Traffic Management Triq Strejnu - Proġett 313 Leader | Is-Sindku informa lill-Kunsill li TM approvated it-traffic management ta' Triq Strejnu kif propost. Il-MEPA ħarġet id-DNO li din ġiet mgħoddija lil Gal Xlokk. Issa qed nistennew lid-Dipt. ta' l-Agrikoltura biex jibgħat għalina biex niffirmaw. | Sindku |
| 05. 2. 1 i | | | Is-Sindku qal ukoll li nkitbet ittra lil TM dwar ix-xogħol. Min-naħa tagħhom ikkonfermaw dan in-nuqqas. S'issa jidher li biex jaslu iridu joħorġu kuntratt ġdid. | |
| 05. 2. 2 | 04.2.4 | Segretarjat: Aġġustamenti Finanzjarji | Is-Segretarjat poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill l-aġġustamenti finanzjarji hekk kif imħejjija mill-Awditur. Inġibdet l-attenzjoni dwar it-tnaqqis mill-allowance Kunsilliera Darmanin €400, Fenech €200 u Camilleri €100. Dan minħabba assenza f'numru ta' laqgħat tal-Kunsill, skond memo 89/2009 li nħarġet mid-Dipt. tal-Gvern Lokali. | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2. 2 i | | | Ġie innutat ukoll li ċ-ċekkijiet tal-Kunsillier Darmanin ma ġewx imsarrfa. Il-Kunsill approva l-aġġustamenti nem.con. Għaldaqstant dawn l-aġġustamenti ser jgħaddu lill-Accountant sabiex jagħmel it-tibdiliet rikjesti u jiġu ppreżentati l-financial statements lill-NAO sat-2 ta' Mejju. | |
| 05. 2. 3 | 04.2.5 | Sindku: Rotta 29 | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li r-rotta 29 (84) ġiet konfermata mill-Arriva. Din ser tibda topera kull nofs siegħa mis-27 ta' Mejju. Għal Paola ser tibda tgħaddi r-rotta 206. Il-Kunsill xorta waħda ser jibqa' jinsisti fuq rotot oħra għal ġid taż-Żwieten. | Sindku |
| 05. 2. 4 | 04.2.6 | Sindku: Garaxxijiet taħt l-art | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li inktibet ittra lill-MEPA dwar il-permessi għall-garaxxijiet taħt l-art. Dwar din irċevejna acknowledgement. | Sindku |
| 05. 2. 5 | 04.2.10 | Sindku: Probation Officer | Is-Sindku staqsa jekk ġiex assenjat probation officer mal-Kunsill. Il-Viċi-Sindku irrispondiet fl-affermattiv. | Viċi-Sindku |
| 05. 2. 6 | 04.2.12 | Sindku: Ambaxxatur Spanjol | Is-Sindku spjega li ż-żjara li kellu jagħmel l-ambaxxatur tħassret peress li dan weġġa. | Sindku |
| 05. 2. 7 | 04.2.13 | Viċi-Sindku: Skart | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar munzell skart li ġie akkumulat mill-kolletturi fuq it-traffic island ta' Misraħ Carlo Diacono. Is-Segretarjat spjega li ġie avviċinat il-kuntrattur sabiex dan in-nuqqas ma jerġax isir. | Sindku |
| 05. 2. 7 i | | | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar it-tqassim tal-boroz għal skart reċiklabbli li ser jibda jsir fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat nota dwar punti fundamentali li jikkonċernaw il-ġbir ta' skart bħal: ma jinħariġx skart nhar ta' Tlieta, x'ħin jinġabar l-iskart, multi għal min jikser il-liġi u x'jintefa' fil-borża l-ħadra. Seychell staqsa jekk il-boroz il-ħodor mhumiex jintagħsru fl-iscammel. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. | Viċi-Sindku |
| 05. 2. 8 | 04.2.15/22 | Viċi-Sindku: Ġieh iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni sabiex jintefgħu 2 ritratti oħra fuq il-website tal-Kunsill dwar l-attivita' Ġieh iż-Żejtun. | Segretarjat |
| 05. 2. 9 | 04.2.20 | Seychell: Underground bring in site Ġnien Brejġu | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill peress li l-underground bring in site ta' Ġnien Brejġu mhiex titbattal u lanqas jinġabar l-iskart tal-madwar. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Greenpak. | Sindku |
| 05. 2. 10 | 04.3.4 | Sindku: Awtorita' tad-Djar | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li ġie iffirmat il-ftehim ma' l-Awtorita' tad-Djar sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern Ta' Ganza. | Sindku<br>Viċi-Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05. 2. 11 | 04.9.2 | Viċi-Sindku: Dar perikoluża fi Triq San Alfonsu | Il-Viċi-Sindku irrimarkat li għalkemm l-akkużat ittella' l-Qorti mill-Pulizija, dan ġie illiberat. | |
| 05. 2. 12 | 04.9.7 | Wille Piscopo: Fanal antik fi Sqaq San Bastjan | Wille Piscopo ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar fanal antik li ma sarx fi Sqaq San Bastjan. Dan peress li bħalissa hemm lampa moderna li dan ma jikkumplimentax il-karatteristika ta' l-inħawi. | Sindku |
| 05. 2. 13 | 04.9.9 | Sindku: Arblu fi Triq Nikol Attard | Is-Sindku spjega lill-Kunsill li għalkemm ktibna kemm -il darba, l-arblu li hemm fin-nofs ta' Triq Nikol Attard għadu ma tneħħiex. | Sindku |
| 05. 2. 14 | 04.9.12 | Fenech: Attivitajiet Sportivi | Fenech spjegat li s'issa inkitbu madwar 20 parteċipant għall-attivitajiet sportivi hekk kif spjegat fil-laqgħa preċedenti. L-attivitajiet ser ikunu organizzati mill-Kunsill Lokali flimkien mal-Kunsill Malti għall-Isports. It-trasport ser ikun provdut mill-KMS. Il-ħlas mill-parteċipanti ser ikun ta' €7 kull darba li dan ser ikun għall-instructors. | Fenech |
| 05. 2. 15 | 04.9.17 | Viċi-Sindku: L-Ewropa bir-roti | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li diġa' saru 2 attivitajiet li ntlaqgħu tajjeb ħafna. | Viċi-Sindku |
| 05. 2. 16 | 04.9.19 | Viċi-Sindku: Flyer bl-attivitajiet tal-KL | Il-Viċi-Sindku spjegat li x-xogħol fuq il-flyer miexi b'ritmu tajjeb. Importanti li kulħadd jgħaddi l-materjal lis-Segretarjat fil-ħin. Ma' dan il-flyer ser jitqassam ieħor b'tagħrif dwar il-korsijiet offruti minn TCTC. | Viċi-Sindku |
| 05. 2. 17 | 04.9.21 | Viċi-Sindku: Paragon Work Placement | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-work placement tal-Paragon spiċċa. Il-Kunsill jinsab interessat li jerġa' jkollu work placement ta' dan it-tip pero' is-Sindku talab sabiex jibgħatu nies iktar adattati filwaqt li l-Viċi-Sindku talbet li għandna nkunu nfurmati qabel. | Viċi-Sindku |
| 05. 2. 18 | 04.9.22 | Viċi-Sindku: Monument fi Ġnien iċ-Ċrieki | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-monument fi Ġnien iċ-Ċrieki inħatt peress li dan iddeterjora. Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk l-artist kienx ta lill-Kunsill xi forma ta' garanzija u jekk jaqax taħt il-polza ta' assikurazzjoni tal-Kunsill. Ir-risposti kienu fin-negattiv. | |
| 05. 2. 19 | 04.9.25 | Sindku: Ramblers Association | Is-Sindku spjega li nhar il-31 ta' Marzu ospitajna lir-Ramblers Association. Huma imxew tul Ġnien il-Kmandant u qalu li dan kien l-isbaħ ġnien li qatt żaru. Fil-Ġnien twaħħlu 2 notcies dwar il-proġett tal-GARMED. Profs Buhagiar li huwa l-Kap tal-Botanika fl-Universita' ta' Malta ser jgħin lill-Kunsill sabiex dan isir ġnien botaniku. **Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lill-Profs Buhagiar**. Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li inbidlu l-katusi tal-giebja peress li dawn tkissru. | |

05. 3. Korrispondenza

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/12. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 3. 1 | 01 | MEPA: PA 722/12 PA 894/12 | **Il-Kunsill qabel nem.con li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA peress li dawn iż-żewġ żviluppi jinsabu fil-village core u għaldaqstant għandhom jikkumplimentaw il-karatteristika tal-post.** | |
| 05. 3. 2 | 08 | Sindku: Attivita' Għaqda Mużikali Beland | Is-Sindku għarraf li saret laqgħa ġewwa l-għassa tal-pulizija tal-lokal dwar l-attivita' tal-Banda Beland li ser issir ix-xahar id-dieħel. Għaliha kien hemm preżenti membri ta' l-istess għaqda kif ukoll is-Sur J. Fenech f'isem ir-residenti. Is-Sindku spjega li l-permess li ngħata mill-Kunsill kien għall-użu tal-post bil-kundizzjoni li dawn iridu joqgħodu għar-regolamenti tal-awtoritajiet. L-attivitajiet għandhom jieqfu sal-11pm filwaqt li hemm attivtajiet oħra li ser jieqfu sa nofsillejl. | |
| 05. 3. 3 | 09 | DLG: Skema Egov4U | **Il-Kunsill qabel nem.con biex japplika għall-iskema Egov4U.** | Segretarjat |
| 05. 3. 4 | 16 | Seg Banda Beland: Permessi għal 3 semi billboards | **Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru iżda ma jsirux fin-nofs tat-triq.** | |
| 05. 3. 5 | 20 | Avukat TM: Protest Ġudizzjarju | Is-Sindku qara r-risposta għal protest pudizzjarju li ressaq il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota li fi Triq President Anton Buttigieg itella' billboard fejn TM ħadet ir-responsabilita' tax-xogħol li kien qed isir filwaqt li Triq A Cachia Zammit intużat bħala rotta alternattiva biex saret il-bypass ta' MSkala. | |
| 05. 3. 6 | 21 | Kulleġġ Santa Margherita Sekondarja Bniet: Prize Day | Is-Sindku b'dispjaċir innota li ma jistax jattendi għal Jum il-Premjazzjoni ta' l-iskola li ser issir fl-4 ta' Mejju minħabba attivita' tal-Kunsill Lokali. | |
| 05. 3. 7 | 23 | S. Curmi: ME2 project | **Il-Kunsill approva li s-Sur S. Curmi jagħmel xogħol fil-librerija pubblika taħt il-proġett ME2.** | |
| 05. 3. 8 | 24 | Global Capital: Proposta | **Il-Kunsill ma qabilx li l-global capital tuża l-uffiċini tal-Kunsill Lokali.** | |
| 05. 3. 9 | 31 | C. Cauchi: Bankina f'Misraħ Bandolier | **Wara diskussjoni li saret, Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat ittra lid-Dipt. ta' l-Artijiet u l-MEPA sabiex jiddeciedi jekk il-ħamrija u l-bankina f'Misraħ Bandolier għandhiex titneħħa.** Dwar il-problema tal-ħanut f'Misraħ Bandolier, is-sid diġa' ġie avviċinat mill-Kunsillier Darmanin u ingħata parir dwar il-kwistjoni. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 05. 3. 10 32 | Arċipriet: Attivita' 25/27 ta' Mejju | **Il-Kunsill approva l-użu ta' Misraħ Diċembru XIII sabiex issir attivita' annwali fl-okkażjoni tal-Eurovision.** | |
| 05. 3. 11 34 | Camilleri: Korsijiet TCTC | **Il-Kunsill Lokali approva nem.con li jsiru korsijiet tal-kompjuter b'xejn minn TCTC. Il-parteċipanti iħallsu biss għan-noti.** | Camilleri |
| 05. 3. 12 35 | M. Baldacchino: Avviż tal-Festa | **Il-Kunsill Lokali approva nem.con li jagħmel messaġġ ta' awguri fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Katerina fil-pubblikazzjoni ta' Għaqda Mużikali Beland, Għaqda Banda Żejtun, Għaqda ta' l-Armar, Għaqda tan-Nar, Uffiċċju Parrokkjali. Għal dan il-messaġġ ser isir ħlas ta' €70 -il wieħed.** | Segretarjat |

**05. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | |
|---|---|---|---|---|
| 05. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 05. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/12 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 05/12 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| | 67 | Ġie innutat li dan kien xogħol magħmul minn hot asphalt mhux cold asphalt. | | |
| 05. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 05/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 05. 4. 4 | | Petty Cash - Marzu 2012 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista tal-petty cash ta' Marzu 2012 hekk kif preżentata, li kien jammonta għal €188.47.** | Segretarjat |
| 05. 3. 4 | | Petty Cash - April 2012 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista tal-petty cash ta' April 2012 hekk kif preżentata, li kien jammonta għal €231.92.** | Segretarjat |

**05. 5. Rapport dwar Resurfacing ta' Toroq**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 5. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku informa lill-Kunsill li illum tlesta x-xogħol bit-tarmak f'Misraħ Indipendenza u 'l parti t'isfel ta' Triq Santa Katarina. | **Sindku** |
| 05. 5. 2 | | | Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill proposta tar-residenti sabiex parti minn Triq Santa Katarina issir one way 'l isfel lejn Bulebel. **Il-Kunsill qabel nem.con ma' din il-proposta.** | **Darmanin** |

**05. 6. Tender: L-apparat għal Child Day Care Centre**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 6. 1 | | Viċi-Sindku | Peress li is-sejħa ta' l-offerti għall-apparat tac-CDCC kienu għalqu, il-Viċi-Sindku verbalment ressqet rapport dwar l-offerti li ntefgħu li b'kollox kienu 4. Offerta waħda, dik ta' Joseph Farrugia intefgħet għall-għamara filwaqt li t-tliet offerti l-oħra kienu għas-soft laying u t-toys. | |
| 11. 6. 2 | | | Il-Viċi-Sindku avviċinat lill-FES minħabba is-soft flooring fejn dawn ikkonfermaw li m'għadiex il-proċedura li ċ-Ċentru kollu jkun miksi bis-soft flooring. Għaldaqstant irid imnaqqas l-ammont ta' soft flooring mitlub u naraw eżatt fejn ser isir. | |
| 11. 6. 3 | | | Il-Viċi-Sindku innutat li dwar it-toys intefgħu offerti varji filwaqt li l-outdoor toys jiswew bejn €4,000 u €5,000. Wille Piscopo talbet sabiex jintalab parir dwar l-outdoor toys peress li dawn it-toys iservu sabiex isiru ċertu evalwazzjoni fuq l-abilita' tat-tfal. | |

**05. 7. Konferenza tal-5 ta' Mejju**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 7. 1 | | Sindku | Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu għall-konferenza li ser tittella' ġewwa s-Southport Restaurant, M'Xlokk nhar il-5 ta' Mejju fejn fiha ser jingħataw rapporti dettaljati dwar is-sostenibbilta' ġewwa l-lokalita' tagħna minn diversi kelliema esperti. Din il-konferenza ser tkun bejn id-9am u l-4pm. | Sindku<br>Viċi-Sindku |

**05. 8. Misraħ Indipendenza**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 8. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku spjega li issa għad fadal il-parti ta' ġewwa li trid issir. Bħalissa qed isiru diskussjonijiet ma' l-eredi ta' Baldacchino minħabba l-ftehim li kien hemm ma' missieru fejn dan ma ħallasx tal-hoarding u bħala kumpens kellu jagħti lill-Kunsill is-somma ta' €10,000. Peress li s'issa għadna ma wasalniex, il-Kunsill qabel li għandna niktbu lill-avukat sabiex dan jikteb ittra lill-eredi ta' Baldacchino. Għalkemm m'għandna l-ebda ftehim iffirmat, l-avukat qal li l-ftehim jgħodd xorta waħda għax hemm ix-xhieda. | |
| 05. 8. 2 | | | Is-Sindku irraporta lill-Kunsill li għad fadal nirranġaw l-isqaq li jużaw in-nies. | |
| 05. 8. 3 | | | Is-Sindku spjega wkoll dwar il-linja tat-triq li ma stajnix noħorgu biha minħabba l-art ta' Tarcisio Cassar. Għaldaqstant, bi qbil mas-Sur Cassar, il-Kunsill ser jitlob requisition lid-Dipt ta' l-Artijiet sabiex isir tpartit ta' l-artijiet. | |

**05. 8. Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 8. 1 | | Pace: Triq A. Cachia Zammit | Is-Sindku spjega li l-avukat tal-Kunsill Dr Owen Bonnici ressaq protest ġudizjarju dwar toroq li tant huma fi stat ħażin li l-Kunsill m'għandux finanzi għalihom. Is-Sindku spjega li liġi tal-Kunsilli Lokali tgħid li toroq li għandhom 75% minnhom ħżiena, dawn għandhom jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali. | Sindku |
| 05. 8. 2 | | Segretarjat: Xkaffar għal-Librerija Pubblika | Is-Segretarjat poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill, kwtoazzjoni għal xkaffar tal-librerija pubblika mingħand l-MSD għas-somma ta' €679.68. **Il-Kunsill approva nem.con** | Camilleri |
| 05. 8. 3 | | Segretarjat: Kompjuter u 2 Microsft Home and Business 2010 Packages | **Il-Kunsill approva nem.con ix-xiri ta' kompjuter għall-prezz ta' €531 u kif ukoll 2 microsoft home and business 2010 packages għall prezz ta' €175 -il wieħed.** | Segretarjat |
| 05. 8. 4 | | Sindku: Devoluzzjoni ta' art f'GSM | Saret diskussjoni twila dwar devoluzzjoni ta' art li iddawwar Ġnien iż-Żgħożija u biċċa art fejn iż-żebbuġ, il-ġibjun u l-parti li tmiss ma' Triq Salvu Cacciattolo. Il-parti li tmiss mal-pitch qed tiġi deskritta bħala green area skond l-awtoritajiet. Il-Kunsill qed jipproponi li jingħata l-biċċa art li fadal. **Il-Kunsill qabel li għandu jieħu l-parir tal-Lands.** | |
| 05. 8. 5 | | Segretarjat: Rapport Finanzjarju ta' 1 kwart tas-sena Jan-Mar'12 | **Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsilliera ir-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena Jannar-Marzu 2012 li ġie approvat nem.con. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw ir-rapport.** | Segretarjat |
| 05. 8. 6 | | Segretarjat: Photovoltaic panels | Is-Segretarjta informa lill-Kunsill li twaħħal smart meter ġdid għal photovoltaic panels u għalhekk dawn issa qed jiffunzjonaw. | Sindku |
| 05. 8. 7 | | Darmanin: No parking fi Triq San Duminku | Darmanin talab lill-Kunsill jikkunsidra li parti minn Triq San Duminku issir no parking u one way minħabba l-problemi li qed jinħolqu lir-residenti u r-reserved parkings. **Il-Kunsill qabel nem.con.** | Darmanin |
| 05. 8. 8 | | Fenech: Ħanut fi Triq is-Suq | Il-Kunsilliera Fenech ippreżentat lill-Kunsill ittra minn sid ta' ħanut fi Triq is-Suq sabiex issir protezzjoni minħabba l-ilma tax-xita. **Il-Kunsill qabel li din għandha issir a spejjeż tiegħu skond struzzjonijiet tal-Kunsill: li ħadd ma jista' jagħmel reklami mingħajr permess tal-Kunsill.** | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 05. 8. 9 | Fenech: Attivitajiet | Il-Kunsill approva li ssir l-attività annwali z@freak nhar l-20 ta' Lulju 2012 fi Ġnien San Girgor u kif ukoll laqgħa ta' informazzjoni dwar il-korsijiet ta' l-Mcast. Il-Kunsill approva wkoll li jsiru klassijiet ta' l-għawm ġewwa l-pixxina ta' l-Inspire għal tfal ta' bejn l-4 u l-10 snin għall prezz ta' €75. | Fenech |
| 05. 8. 10 | Fenech: Ittra ta' awguri | Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra ta' awguri lil Zejtun Corinthians Under 19 peress li dawn telgħu għal Section C. | Segretarjat |
| 05. 8. 11 | Fenech: Proġetti EU | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa hemm proġetti sportivi in konnessjoni ta' l-EU via l-GalXlokk. Fenech spjegat li bħalissa qed timtela applikazzjoni bħala partners mal-Bulgarija bl-isem *Cultural Awareness* liema applikazzjoni għad trid tiġi sottomessa. Jekk il-proġett jiġi approvat, dan isir f'Settembru. | Fenech |
| 05. 8. 12 | Pace: Rotta 85 | Il-Kunsillier Pace staqsa jekk waqt il-laqgħa li saret ma' l-Arriva, dawn qalux li r-rotta 85 hux ser tgħaddi miż-Żejtun. Is-Segretarjat spjega li din il-konferma ingħatat bit-telefon wara li saret il-laqgħa. Pace innota li issa mill-venda ser jgħaddu 6 karozzi fis-siegħa. | |
| 05. 8. 13 | Seychell: Bankina | Seychell ġibed l-attenzjoni dwar bankina imkissra fi Triq id-Daħla ta' San Tumas k/m Trq il-Qadi ftit 'l isfel mid-Dar ta' l-Anzjani. Din ser titiniżżel mal-lista tax-xogħlijiet. | Sindku |
| 05. 8. 14 | Seychell: Attivita' Vittmi tal-Gwerra | Seychell ħeġġeġ lill-Kunsilliera jattendu għall-kommemorazzjoni tal-Vittmi tal-Gwerra li ser issir nhar id-29 ta' April fl-10.30am. | Seychell |
| 05. 8. 15 | Viċi-Sindku: Parking fi Triq San Girgor | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex jitneħħa l-parking fi Triq San Girgor (il-parti ta' quddiem Misraħ Diċembru XIII). Is-Sindku spjega li jkun aħjar li tidjiq il-bankina. | Sindku |
| 05. 8. 16 | Viċi-Sindku: Arbli tad-dawl fi Triq San Girgor | Il-Kunsill qabel li għandha tiġi avviċinata l-Arriva sabiex issir attenzjoni għal sewqan fi Triq San Girgor minħabba aċċident li sar fuq arblu minn waħda mill-vetturi tagħha. | |
| 05. 8. 17 | Viċi-Sindku: Noise Pollution | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta ser niltaqgħu ma' l-Eng li qed jitratta n-Noise Pollution. Is-Sindku spjega li din il-laqgħa għandha titħalla għal aktar tard. | |
| 05. 8. 18 | Viċi-Sindku: Misraħ Kanonku Giov Vella | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta ser isir ix-xogħol f'Misraħ Kanonku Giov Vella. Is-Sindku spjega li dan ix-xogħol ser isir fis-Sajf. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 05. 8. 19 | Viċi-Sindku: Xelter | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk madwar il-lokalita' jeżistix xi xelter li jista' jinfetaħ għall-pubbliku. Is-Sindku spjega li l-iktar wieħed li jista' jinfetaħ huwa dak ta' Triq San Piju X li jridu jsirulu xi xogħlijiet peress li dan jagħti għal għand in-nies. | |
| 05. 8. 20 | Viċi-Sindku: Kotba | **Il-Kunsill approva x-xiri tat-3 volum ta' l-awtur Montebello.** | Seychell |
| 05. 8. 21 | Viċi-Sindku: Tabelli tat-traffiku | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar it-tabelli tat-traffiku li qed jitlaq il-kulur. Dwar dan diġa' ġie ikkuntattjat Jesmond ta' l-MSD fejn dan ikkonferma li ser jerġgħu isiru. | |
| 05. 8. 22 | Viċi-Sindku: Tesi | Il-Viċi-Sindku staqsiet kemm -il tesi daħlu s'issa. Ir-risposta kienet 4. | Fenech |
| 05. 8. 23 | Viċi-Sindku: Attivita' f'Ħal Tmiem | Il-Viċi-Sindku rrapurtat dwar l-attivita' li saret f'Ħal Tmiem b'mudelli ta' karozzi klassiċi. L-attivita' kienet tajba ħafna. | Viċi-Sindku |
| 05. 8. 24 | Viċi-Sindku: MEPA Building Inspector | Il-Viċi-Sindku irrimarkat dwar siti mhux mibnija iżda bil-filati mibnija kif titlob il-ligi li qed ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti minħabba l-ammont ta' skart li jintefa' fihom. | |
| 05. 8. 25 | Viċi-Sindku: Laqgħat tal-Kunsill | Il-Kunsill laqa' t-talba tal-Viċi-Sindku sabiex il-laqgħat tal-Kunsill jibdew ikunu streamed fuq l-internet. Għaldaqstant is-Segretarjat ser jitlob il-kwotazzjoni meħtieġa. | Segretarjat |
| 05. 8. 26 | Viċi-Sindku: Konkos | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex titkisser biċċa konkos minħabba l-ilma fi Triq il-Madonna tal-Ħniena. Din it-talba ġiet milqugħa. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10.30pm Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju, 2012 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00p.m.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv